FIL-QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)

BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

A.MICALLEF TRIGONA LLD.,MAG.JUR (EU LAW)

ILLUM 1 TA' LULJU 2016

Il-Pulizija

(Spettur Marthese MicaIlef)

vs

Kenneth Xuereb

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjoni kontra l-imputat ta' karta ta' identita' numru 556174m akkuzat talli:

- fid-19 ta' Settembru 2014 ghal habta ta' 17.45hrs fil-garaxxijiet gewwa Triq Hieonymous Megiser, Naxxar, minghajr il-hsieb li joqtol jew li jqieghed il-hajja ta' haddiehor f'perikolu car, ikkaguna griehi ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Paul Gatt hekk kif iccertifikat Dr Luana Caruana MD Reg.5509, Mosta Health Centre;

Rat in-nota tar-rinviju ghal gudizzju tal-Avukat Generali;

Semghet ix-xhieda;

Semghet it-trattazzjoni;

Ikkonsidrat:

Din il-kawza ghandha bhala retroscena diverbju li qam bejn l-imputat u terz girien, jismu Paul Gatt, b' dan ta' l-ahhar jispicca b'feriti fuq il-hageb tal-lemin, li irrikjedew l-applikazzjoni ta' xi punti. Li l-feriti subiti mill-parti leza kienu ta' natura gravi m'hernmx dubbju, possibilment jistaw ikunu ta' natura gravissima, igifieri kolpiti bl-Artikolu 218 tal-Kap 9, izda fuq daqshekk il-provi m'humiex certi. Pero', huwa inkontestat li dawn il-feriti, il-parti leza sofrithom fl-incident meritu dina l-kawza.

Intant, a folio 40 tal-process, hemm is-sentenza ta' din il-Qorti, diversament preseduta, fil-kawza kontra l-parti leza li kien gie mixli b'serq ta' gizirana tal-imputat u talli ikkawza kontra dan feriti ta' natura hafifa. Fuq dawn l-akkuzi huwa gie proxolt.

Ikkonsidrat:

Illi kien x'kien l-ezitu tal-kawza kontra l-parti leza huma l-provi li ngabu f'din il-kawza li ser jiddeterminaw il-htija jew nuqqas taghha fl-imputat.

Mill-provi jintrapella li l-imputat u l-parti leza joqghodu f'maisonette, wiehed fuq l-iehor, b'garage kull wiehed ma' genb xulxin, *b"drive-in'* ta' xi ftit metri, komuni, li taccedi ghaliha mit-triq principali. Il-parti leza qieghed jikkontendi li kellu xi granet liberi minn fuq ix-xoghol u kien qieghed jaghmel xi xoghol fil-garaxx tieghu bil-bieb miftuh. Qal u ilmenta li l-imputat, 'bhal ma kienet l-attitudini tieghu' kien johrog il-vettura tieghu minn gol-garaxx tieghu u jhalliha mixghula 'ghal xi hames minuti' *fid-drive-in* bl-exhaust jippunta fid-direzzjoni tal-garaxx tieghu. Fil-gurnata in kwistjoni semma' li kienet ir-raba darba li dan kien gara. Kompla stqarr li wara hames minuti hareg irrabjat minn gol-garaxx tieghu u b'lehen gholi qall lill-imputat biex jew jitfi l-vettura jew inehhija minn fejn kienet. Kompla jistqarr li hawnhekk l-imputat hebb ghalih u tah daqqa ta' ponn u kkagunalu feriti li htiegu l-punti - ghaxra fuq naha u tlieta fuq in-naha l-ohra - kif d'altronde ikkonfermat it-tabiba li ziedet li kellu wkoll zewg lacerazjonijiet superficjali, wahda fuq l-imnieher u l-ohra fuq il-minkeb lemini, Mill-banda l-ohra, l-imputat stqarr li kien appena hareg il-vettura tieghu DAF167 u hallieha fuq ir-rampa, mixghula, ghal dak il-ftit ta' hin biex jmur jghalaq il-garage. Kien hawnhekk li l-parti leza hareg jghajjat minn gewwa l-garage tieghu li l-imputat kien qieghed jifgaw *bl-exhaust* tal-vettura tieghu. Kompla jghid li l-parti leza, waqt li qieghed jghajjat, ta xi daqqjiet fuq il-vettura tieghu u mar biex itieh daqqa ta' ponn. Kien laqtu fl-ispalla u l-imputat imbuttah. Hu, il-parti leza, waqa' mal-art, ghamel biex jarga jmur ghall-imputat u dan irrejagixxa billi fajjarlu daqqa ta' ponn u l-parti leza rega spicca fl-art. Din giet ripetuta darb'ohra bl-istess ezitu, igifieri, li l-parti leza targa tispicca' fl-art,

Intant, fuq dan il-kwadru tal-fatti, il-Qorti aktar ixxaqleb lejn il-versjoni tal-fatti kif mistharga mill-imputat, b'daqstant pero' li huwa hareg barra, mill-limiti impost mill-bzonn. Fi kliem iehor il-Qorti qeghdha tirrijavvisa l-iskuzanti fl-Artikolu 227(d) tal-Kap 9 abbinat mal-Artikolu 233(1) tac-citat Kap.

Tiddecidi, ghalhekk, wara li qieset ic-cirkostanzi kollha li filwaqt li ssib l-imputat hati skond l-akkuza, qeghdha tapplika kontra tieghu l-Artikolu 383 tal-Kap 9 b'dan li qeghdha torbtu b'obbligazzjoni tieghu innifsu ghal zmien sena mill-lum taht penali ta' €1,000 biex izomm il-bon ordni pubbliku.

A.M.Trigona

Magistrat